

Komunikazzjoni mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku tar-Repubblika Taljana skont l-Artikolu 3, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2013/C 303/11)

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku waslitlu applikazzjoni mingħand Petroceltic Italia Srl ed Edison SpA għal awtorizzazzjoni għall-ipprospettar ta' idrokarburi, bir-referenza "d 84 F.R.-EL", għal żona li tinsab fiż-Żona F (il-Baħar Adrijatiku u l-Kanal ta' Otranto), imdawra mill-arki tal-meridġani u l-paralleli, li l-ponot tagħhom tagħthom din id-dejta ġeografika:

Il-ponot	Dejta ġeografika	
	Lonġitudini fil-Lvant ta' Greenwich	Latitudni Tramuntana
a	18°42'	39°49'
b	18°53'	39°49'
c	18°53'	39°46'
d	18°54'	39°46'
e	18°54'	39°45'
f	L-intersezzjoni bejn il-parallel 39°45' u l-fruntiera taż-żona F	
g	L-intersezzjoni bejn il-fruntiera taż-żona F u l-parallel 39°29'	
h	18°49'	39°29'
i	18°49'	39°30'
l	18°40'	39°30'
m	18°40'	39°43'
n	18°41'	39°43'
o	18°41'	39°44'
p	18°42'	39°44'

Mill-punt "f" sal-punt "g", il-fruntieri tal-applikazzjoni huma l-istess bħall-fruntiera taż-żona F

Id-dejta ġeografika hawn mogħtija nstabet skont il-Folja 920 tal-mappa nawtika tal-kosta tal-Italja li ħareġ l-"Istituto Idrografico della Marina Militare" (l-Istitut Idrografiku tal-Flotta Militari) bi skala ta' 1:250 000.

Abbażi ta' din id-deskrizzjoni tal-fruntieri, l-erja tal-wiċċ hija 729,20 km².

F'konformità mad-Direttiva msemmija hawn fuq; l-Artikolu 4 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 625 tal-25 ta' Novembru 1996; id-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Marzu 2011 u d-Digriet Direttorjali tat-22 ta' Marzu 2011, il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku ppubblika avviż li jippermetti lill-awtoritajiet interessati li jressqu applikazzjonijiet għall-permessi ta' riċerka ta' idrokarburi f'kompetizzjoni kummerċjali fl-istess żona mdawra skont il-punti u d-dejta ġeografika msemmija hawn fuq.

L-awtorità responsabbli mill-ħruġ ta' awtorizzazzjoni kkonċernata ta' riċerka, u l-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku – id-Dipartiment għall-Enerġija – id-Direttorat Ġenerali għar-riżorsi minerali u l-enerġija – it-Taqsima VI.

Ir-regoli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni minerarja huma speċifikati f'dawn id-dispożizzjonijiet:

il-Liġi Nru 613 tal-21 ta' Lulju 1967; il-Liġi Nru 9 tad-9 ta' Jannar 1991; id-Digriet Leġiżlattiv Nru 625 tal-25 ta' Novembru 1996; id-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Marzu 2011 u d-Digriet Direttorjali tat-22 ta' Marzu 2011.

L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu sa mhux aktar tard minn 3 xhur minn meta jiġi ppubblikat dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-applikazzjonijiet li jaslu meta jiskadi dan il-perjodu ma jitqisux.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz:

Ministero dello sviluppo economico
Dipartimento per l'energia
Direzione generale delle risorse minerarie ed energetiche
Divisione VI
Via Molise 2
00187 Roma RM
ITALIA

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll b'email f'dan l-indirizz: "ene.rme.div6@pec.sviluppoeconomico.gov.it" u fiha jinhemżu d-dokumenti meħtieġa f'format elettroniku u l-firma diġitali tar-rappreżentant legali tal-applikant.

Għall-finijiet tal-Punt 2 tal-Anness A tad-Digriet Nru 22 tal-President tal-Kunsill tal-Ministri tat-22 ta' Diċembru 2010, il-proċedura unika għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' riċerka ma għandhiex ittul aktar minn 180 jum.
